

Brussell, 4 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8652/18

PUBLIC 20
INF 60

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - FRAR 2018

Dan id-dokument jelenka l-atti¹ adottati mill-Kunsill fi Frar 2018.^{2 3}

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Għal referenza faċli, "it-titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara fil-*korsiv*).

² Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

³ Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL FI FRAR 2018

Proċeduri bil-miktub konklużi fit-2 ta' Frar 2018

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/168 tas-2 ta' Jannar 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/740 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel ĠU L 31, 3.2.2018, p. 86-87	5713/18
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/164 tal-2 ta' Ottubru 2018 li jimplimenta l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 2015/735 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel ĠU L 31, 3.2.2018, p. 1-2	5717/18
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/167 tas-2 ta' Jannar 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 31, 3.2.2018, p. 84-85	5739/18

Proċeduri bil-miktub konklużi fid-9 ta' Frar 2018

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/202 tas-9 ta' Frar 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo ĠU L 38, 10.2.2018, p. 19-22	5849/18

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/197 tad-9 ta' Frar 2018 li jimplimenta l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ĠU L 38, 10.2.2018, p. 2-6	5851/18
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/203 tas-9 ta' Jannar 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 38, 10.2.2018, p. 23-24	5950/18
It-3595 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport), li saret fi Brussell fil-15 ta' Frar 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Ftehim ta' Sħubija mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju: ftehim tan-negozjati</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għat-tiġdid tal-protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju	5378/18
Dikjarazzjoni 1 mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva.	
Dikjarazzjoni 2 mill-Kummissjoni Skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, il-Kummissjoni tirrikonoxxi għalkollox l-importanza tal-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-hteġa konsegwenti li tiġi żgurata implimentazzjoni kif suppost tal-kunċett tal-eċċessi, kif definit fl-Artikolu 62(2) tal-UNCLOS, b'mod partikolari meta l-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-protokoll assoċjati jirregolaw l-aċċess tal-flotta esterna tal-UE għal riżorsi distribwiti fl-ilmijiet tal-pajjiż sieħeb. Madankollu, rigward l-Artikolu 64 tal-UNCLOS u l-Artikolu 31(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni tqis li l-kunċett ta' eċċessi japplika inqas għall-attivitajiet tas-sajd li jisfruttaw speċijiet li jpassu ħafna, fejn l-oġettivi ta' ġestjoni u l-miżuri ta' ġestjoni – ir-regoli dwar aċċess ta' priyorità, il-qabda, il-kapaċità jew il-limiti tal-isforz tas-sajd, u l-kondiviżjoni ta' għodod fejn ikun rilevanti – għandhom jiġu stabbiliti primarjament fil-livelli reġjonali jew sottoreġjonali mill-Partijiet Kontraenti għall-Organizzazzjonijiet ta' Ġestjoni tas-Sajd Reġjonali, b'kont debitu meħud tal-pariri xjentifiċi rilevanti.	

<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tat-Trattat ta' Marrakexx</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/254 tal-15 ta' Frar 2018 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tat-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal xogħlijiet pubblikati għal persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista, jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat ĠU L 48, 21.2.2018, p. 1-2	12629/17
<i>It-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubblikati għal Persuni Għomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li b'xi mod ieħor għandhom Diffikultà biex Jaqraw Materjal Stampat</i> ĠU L 48, 21.2.2018, p. 3-11	5905/15
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/270 tal-15 ta' Frar 2018 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru ĠU L 51, 23.2.2018, p. 14-15	5223/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Franza, ritorn</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 ta' Franza dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn	5554/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Danimarka, ritorn</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tad-Danimarka dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn	5433/18
<i>RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/225 tal-15 ta' Frar 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/346 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ĠU L 43, 16.2.2018, p. 14-14	5566/18

<i>UE-New Zealand - Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/253 tal-15 ta' Frar 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tas-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma ĠU L 46, 20.2.2018, p. 9-16	5516/18
<i>Missjoni tal-UE ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) - estensjoni - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/226 tal-15 ta' Frar 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) ĠU L 43, 16.2.2018, p. 15-15	5568/18
<i>Miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe - rieżami</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/224 tal-15 ta' Frar 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe ĠU L 43, 16.2.2018, p. 12-13	5493/18
<i>Miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe - rieżami</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/227 tal-15 ta' Marzu 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe ĠU L 43, 16.2.2018, p. 16-17	5494/18

It-3596 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd), li saret fi Brussell fid-19 ta' Frar 2018**ATTI MHUX LEĠISLATTIVI**

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Imposti fuq iz-zokkor għall-1999/2000 u l-2000/2001</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/264 tad-19 Frar 2018 li jiffissa l-imposti tal-produzzjoni u l-koeffiċjent għall-kalkolu tal-imposta addizzjonali fis-settur taz-zokkor għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 1999/2000 u li jiffissa l-imposti tal-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2000/2001 ĠU L 51, 23.2.2018, p. 1-4	5620/18
<i>Deċiżjoni dwar Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mar-Renju tal-Marokk: ftuħ tan-negozjati</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju tal-Marokk għall-konklużjoni ta' Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Renju tal-Marokk	5760/18
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva.	

Dikjarazzjoni mid-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands

Id-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands jenfasizzaw l-importanza tal-kontribut tal-UE għall-konservazzjoni tar-riżorsi u s-sostenibbiltà ambjentali billi s-sajd isir biss fuq riżorsi żejda u bil-prevenzjoni ta' sajd eċċessiv ta' stokkijiet skont il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli. Ġeneralment nemmnu li s-sajd skont il-ftehimiet dwar is-sajd jipprevedi titjib fis-sajd sostenibbli.

Id-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands jissottolinjaw li l-Unjoni għandha tippromwovi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi meta tidħol fi ftehimiet bilaterali. Dan huwa ddikjarat b'mod ċar fil-mandat ta' negozjar lill-Kummissjoni u jrid jidher ċar fil-protokoll.

Aħna nisħqu fuq l-importanza tal-konformità mad-dritt tal-UE, li d-dritt internazzjonali jista' jitqies bħala parti integrali minnu, meta jsiru negozjati għal protokoll ġdid bejn l-UE u r-Renju tal-Marokk.

Id-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands jinnotaw il-progress li sar matul il-protokoll attwali dwar is-sajd biex tiġi ddokumentata d-distribuzzjoni tal-appoġġ finanzjarju għas-settur tas-sajd, b'mod partikolari fir-reġjuni tas-Sahara tal-Punent, u jħeġġu li din il-ħidma titkompla.

Protokoll dwar is-sajd fil-ġejjieni bejn l-UE u r-Renju tal-Marokk jeħtieġ li jirrispetta s-sentenza mistennija tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża C-266/16 rigward il-ftehim attwali dwar is-sajd bejn l-UE u l-Marokk u l-applikazzjoni tiegħu għas-Sahara tal-Punent. Id-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands jistennew li l-Kunsill jiġi kkonsultat kif xieraq f'każ li l-bażi għad-direttivi ta' negozjati tinbidel minħabba s-sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Abbażi ta' dan, id-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands jappoġġaw id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea dwar protokoll ġdid mar-Renju tal-Marokk.

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja

Billi s-Sahara tal-Punent mhix parti mit-territorju tal-Marokk, id-dritt internazzjonali jirrikjedi li l-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd jitwettaq għall-benefiċċju tal-poplu tas-Sahara tal-Punent u skont l-interessi u x-xewqat tagħhom. Id-direttivi proposti għan-negozjati ta' protokoll ġdid ma jissalvagwardawx il-konformità tal-protokoll mad-dritt internazzjonali. Għaldaqstant, f'konformità mal-azzjonijiet preċedenti tal-Iżvezja fir-rigward tal-ftehim, l-Iżvezja ma tistax tapprova l-mandat u ser tivvota kontriha.

Deċiżjoni dwar it-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport fil-Balkani tal-Punent

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill
Ministerjali stabbilit skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni
tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ministerjali

5438/18

It-3597 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fi Brussell fl-20 ta' Frar 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Deroga għal Malta dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/279 tal-20 ta' Frar 2018 li tawtorizza lill-Malta tapplika miżura speċjali ta' deroga għall-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 54, 24.2.2018, p. 14-15	5610/18
<i>Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-korpi stabbiliti taħt it-TFUE u t-Trattat Euratom fir-rigward tal-baġit għall-2016</i> Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-korpi stabbiliti taħt it-TFUE u t-Trattat Euratom fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2016	5941/18
<i>Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-baġit għall-2016</i> Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2016	5942/18
<i>Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti fir-rigward tal-baġit għall-2016</i> Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2016	5943/18

<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ dwar l-aġġornament ta' xi Annessi għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mlaqqa' f' i ħdan il-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar l-aġġornament tal-Annessi XXVIII-A (Regoli applikabbli għas-servizzi finanzjarji), XXVIII-B (Regoli applikabbli għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni) u XXVIII-D (Regoli applikabbli għat-trasport internazzjonali marittimu) għall-Ftehim	5362/18
<i>Proċedura ta' kwittanza tal-FEŻ: sena finanzjarja 2016</i> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew ta' Żvilupp (It-Tmien EDF) għas-sena finanzjarja 2016 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew ta' Żvilupp (Id-Disa' EDF) għas-sena finanzjarja 2016 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (l-għaxar EDF) għas-sena finanzjarja 2016 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (l-għaxar EDF) għas-sena finanzjarja 2016	5078/18 5079/18 5080/18 5082/18

<i>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-baġit għall-2016</i> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016	5940/18 ADD 1
Dikjarazzjoni mill-Iżvezja u n-Netherlands B'referenza għal: – ir-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE fir-rigward tas-sena finanzjarja 2016; – il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għall-2016; – ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016; L-Iżvezja u n-Netherlands: Japprezzaw li l-livell ġenerali stmat ta' żbalji mar għall-aħjar meta mqabbel mas-snin ta' qabel, u li saret dikjarazzjoni kwalifikata, u mhux dikjarazzjoni negattiva, mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet; Jiddispijaci hom li għat-23 sena konsekuttiva, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ma setgħetx tagħti Dikjarazzjoni ta' Aċċertament pożittiva dwar il-baġit tal-UE fl-intier tiegħu u li r-rata ta' żbalji għall-infiq għadha oġġla b'mod sinifikanti mil-livell limitu aċċettabbli ta' 2 %; Iħeġġu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod fundamentali l-mod li bih il-baġit tal-UE jiġi implimentat u ġestit għall-QFP li jmiss;	

Jiddispijaci hom li, għal snin sħaħ, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE mhix skont l-istandards li ntlaħaq qbil dwarhom. Ma nistgħux infaħħru t-titjib marġinali fir-rata ġenerali ta' żbalji, waqt li madwar nofs il-baġit tal-UE għadu suxxettibbli għal livelli għolja ta' żbalji; Jenfasizzaw id-differenza bejn il-livell stmat ta' żbalji għall-pagamenti ta' rimborżi (4,8%) u l-infiq ibbażat fuq drittijiet (1,3%) u jenfasizzaw li t-tnaqqis fir-rati ta' żbalji għall-pagamenti ta' rimborżi għandu jkun l-ewwel prijorità. Id-differenza kbira fir-rati ta' żbalji tenfasizza l-bżonn ta' riforma fil-ġestjoni tal-baġit tal-UE, inkluż bl-implimentazzjoni ta' inqas regoli ta' finanzjament kumplessi u billi ssir aktar konċentrazzjoni fuq ir-riżultati; Iħeġġu lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi li żżid il-konċentrazzjoni fuq ir-riżultati u l-ġestjoni bbażata fuq ir-riżultati. Sabiex jiġu żgurati l-fiduċja u l-leġittimità huwa essenzjali l-baġit tal-UE tassew jagħti valur b'mod effikaċi liċ-ċittadini tal-UE. Id-diskussjonijiet li ġejjin dwar il-QFP jeħtieġ li jqisu kif il-baġit tal-UE jista' jerġa' jifassal biex jappoġġa aħjar il-prijoritajiet politiċi b'mod ġenerali, jiġġenera riżultati u jirreaġixxi għall-isfidi mhux previsti; Iħeġġu lill-Kummissjoni biex kontinwament teżamina u tidentifika dawk l-oqsma ta' nfiq fil-baġit tal-UE fejn ma setgħux jinkisbu riżultati suffiċjenti u biex tipproponi azzjoni korrettiva; Iħeġġu bis-sħiħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw aktar opportunitajiet biex jissimplifikaw ir-regoli u l-qafas regolatorju kumplessi li jirregolaw is-sistemi ta' nfiq u twettiq tal-baġit tal-UE għal ġestjoni kondiviża sabiex titjieb il-konformità, kif ukoll biex l-enfasi tkun fuq il-kontrolli tal-ewwel livell bil-għan li l-ħlasijiet isiru b'mod korrett mill-ewwel. Regolazzjoni aktar sempliċi, aktar trasparenti u aktar prevedibbli hija essenzjali biex tkun żgurata l-ġestjoni effikaċi u korretta tal-fondi tal-UE; Jistiednu lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex iżidu l-isforzi għall-promozzjoni tat-trasparenza u l-affidabbiltà tal-awditi, fid-dawl tal-iżviluppi bil-għan tal-applikazzjoni tal-prinċipju tad-dipendenza trasversali; u biex ir-rapporti annwali ta' kontroll tal-Istati Membri jkunu disponibbli għall-pubbliku; u Iħeġġu bis-sħiħ lill-Kummissjoni tħalli kif inhuma l-livelli massimi ta' pagament li ġew maqbula unanimament, b'mod partikolari billi: iżżomm id-dixxiplina fiskali fir-rigward tal-impenji; tiddiżimpenja b'mod effikaċi l-appropriazzjonijiet mhux użati; iżżid it-trasparenza billi tipprovdi previżjonijiet fit-tul, u tiżgura bilanċ bejn l-impenji u l-pagamenti.	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2019	6315/18

Proċedura bil-miktub konklużi fit-23 ta' Frar 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/280 tas-23 ta' Frar 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarusja ĠU L 54, 24.2.2018, p. 16-17	6265/18
Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/275 tas-23 ta' Frar 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarusja ĠU L 54, 24.2.2018, p. 1-3	6309/18
It-3598 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin) li saret fi Brussell fis-26 ta' Frar 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 9/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Appoġġ mogħti mill-UE għall-għieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja"	5707/18
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kambodja	6416/18
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Myanmar/Burma	6418/18
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Maldivi	6420/18
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima	6125/18

<i>Miżuri restrittivi kontra Al Qaida: Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/283 tas-26 ta' Frar 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom ĠU L 541, 26.2.2018, p. 6-7	5955/18
<i>Miżuri restrittivi kontra Al Qaida: Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/281 tas-26 ta' Frar 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/1686 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, gruppi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom ĠU L 541, 26.2.2018, p. 1-2	5961/18
<i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea - Traspożizzjoni tal-UNSCR 2397 (2017) - Deċiżjoni, Regolament u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/293 tas-26 ta' Frar 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 55, 27.2.2018, p. 50-57	5191/18
<i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea - Traspożizzjoni tal-UNSCR 2397 (2017) - Deċiżjoni, Regolament u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/285 tas-26 ta' Frar 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 55, 27.2.2018, p. 1-14	5209/18
<i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea - Traspożizzjoni tal-UNSCR 2397 (2017) - Deċiżjoni, Regolament u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/548 tas-6 ta' April 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 91, 9.4.2018, p. 2-10	5875/18

<i>Appoġġ għall-gruppi ta' riflessjoni fil-qasam tan-nonproliferazzjoni u d-diżarm - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/299 tas-26 Frar 2018 li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva ĠU L 56, 28.2.2018, p. 46-59	14391/17
<i>Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) - implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/294 tas-26 ta' Frar 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/259 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva ĠU L 55, 27.2.2018, p. 58-59	5896/18
<i>Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) - appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/298 tas-26 ta' Frar 2018 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' verifika u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva ĠU L 56, 28.2.2018, p. 34-45	5613/18
<i>Miżuri restrittivi kontra s-Sirja - listi ġodda - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/284 tas-26 ta' Frar 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ĠU L 541, 26.2.2018, p. 8-10	6129/18
<i>Miżuri restrittivi kontra s-Sirja - listi ġodda - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/282 tas-26 ta' Frar 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ĠU L 541, 26.2.2018, p. 3-5	6132/18

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2018	6346/18
Dikjarazzjoni mill-Ungerija L-adozzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tar-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa taw xhieda ta' kunsens eċċezzjonali. Dawn poġġew it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-iżvilupp u minn meta ġew adottati saru kisbiet importanti fl-oqsma tas-saħħa, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-edukazzjoni. Dawn l-oqsma huma fil-qalba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli li jinkorporaw bħala prinċipji fundamentali r-rispett universali għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. L-Ungerija tibqa' żżomm l-impenji tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-Ungerija turi impenn kbir rigward l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing kif ukoll rigward l-Aġenda 2030, li jservu wkoll ta' referenzi bażiċi fl-oqsma tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet riproduttivi. L-Ungerija tinnota, li t-terminu "saħħa u drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR)" u kwistjonijiet relatati, bħal "drittijiet sesswali", "edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità", "metodi moderni ta' kontraċezzjoni", "kontraċezzjoni ta' emerġenza", jonqoshom definizzjoni kunsenswali fil-livell internazzjonali, inkluż fl-Unjoni Ewropea. Dawn il-kwistjonijiet huma interpretati u promossi mill-Ungerija fil-kuntest tal-Aġenda 2030, il-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha.	

Dikjarazzjoni mill-Polonja

- Il-gvern tal-Polonja jappoġġa b'mod qawwi l-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2018 dejjem sakemm ikunu konsistenti mal-liġi nazzjonali Pollakka u sakemm jorbtu t-trattati Internazzjonali tal-Polonja. B'mod partikolari nifirġu lill-Kunsill għall-impenn b'saħħtu u mġedded lejn il-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal, fost l-oħrajn fil-kuntest tal-kunflitt armat, tfal li jgħixu fil-faqar, u l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' vjolenza. Naffermaw ukoll li skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, kull tifel jew tifla għandhom bżonn ta' salvagwardji u kura speċjali, inkluż protezzjoni legali xierqa, kemm qabel it-twelid kif ukoll wara u li kull tifel jew tifla għandu d-dritt inerenti għall-ħajja (ara l-Artikolu 6.1).
- Il-Polonja tiġbed l-attenzjoni tal-UE għall-punt li d-drittijiet tal-bniedem għandhom jitħarsu b'rabta mal-bnedmin kollha. Wieħed mill-aktar gruppi vulnerabbli hu l-Kristjani speċjalment fil-Lvant Qrib u Mbiegħed u fl-Afrika. L-UE għandha tappoġġa azzjonijiet li jiddefendu l-Kristjani li jinkisrullhom id-drittijiet tal-bniedem tagħhom, b'mod partikolari fiż-żoni ta' kunflitt armat u sitwazzjonijiet oħra.
- Il-Polonja tappoġġa b'mod qawwi l-impnġi kollha tal-UE li tiġġieled kontra t-terroriżmu f'kull forma tiegħu kif ukoll l-isforzi kollha biex tinkiseb ugwaljanza bejn il-bniet u s-subien, u n-nisa u l-irġiel u l-promozzjoni tal-ġusti ta' setgħa lin-nisa, u l-avvanz tad-drittijiet tan-nisa skont il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD.
- Il-Polonja tappoġġa l-implimentazzjoni tar-riżultati tal-konferenzi ta' analiżi tal-ICPD u Beijing li ġew innegożjati mill-Istati Membri kollha tan-NU u adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-NU filwaqt li tafferma d-dritt sovrani tal-Polonja li ma tkunx soġġetta għal dokumenti reġjonali jew ta' riżultati oħra tal-konferenzi ta' analiżi tal-ICPD u Beijing li l-Polonja ma kellix l-oportunità li tinnegozja jew tapprova.
- Il-Polonja għadha impenjata li tmexxi 'l quddiem is-saħħa bażika u maternali tan-nisa u l-bniet, b'konsistenza mal-liġijiet nazzjonali tagħna, filwaqt li tinnota li skont l-UDHR (UDHR 25.2) il-maternità hi intitolata għal kura u għajnuna speċjali. Il-Polonja tirriżerva li programmi ta' edukazzjoni sesswali li jikkompromettu s-saħħa u l-innoċenza tat-tfal u t-terminu "saħħa u drittijiet sesswali u riproduttivi" għandhom jiġu applikati skont il-liġi Pollakka. Barra minn dan, il-Polonja ser tippromwovi l-maternità, il-paternità u l-fatt li wieħed ikun ġenitur bħala valuri essenzjali u naturali.
- Il-Polonja tappoġġa d-drittijiet tal-bniedem fl-edukazzjoni u inizjattivi, dejjem sakemm imexxu 'l quddiem drittijiet tal-bniedem li ntlaħaq qbil universali dwarhom li huma konsistenti mal-liġi Pollakka u li jorbtu mat-trattati Internazzjonali tal-Polonja, filwaqt li terġa' tafferma d-drittijiet preliminari tal-ġenituri li jiggwidaw l-edukazzjoni tat-tfal tagħhom skont l-artikolu 26.3 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.
- Fl-aħħar, il-Polonja tfaħħar u tappoġġa lill-Kunsill fil-kundanna tal-vjolenza, il-ġenoċidju, ir-reati kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra, u tappoġġa b'mod entużjast l-impenn tal-Kunsill li jħares u jmexxi 'l quddiem id-dritt fundamentali għal-libertà ta' reliġjon jew twemmin.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika tal-Moldova

6280/18

It-3599 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali), li saret fi Brussell fis-27 ta' Frar 2018

ATTI LEĠISLATIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<i>Fond ta' Garanzija tal-BEI</i> Regolament (UE) 2018/409 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1-2	66/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
<i>Mandat ta' Self Estern tal-BEI</i> Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni Ewropea ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30-43	65/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
<i>Regolament dwar l-imblukkar ġeografiku</i> Regolament (UE) 2018/302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2018 dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-klijenti fi ħdan is-suq intern u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2006/2004 u (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE (Test b'relevanza għaż-ŻEE) ĠU L 601, 2.3.2018, p. 1-15	64/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: AT

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tieħu nota tat-test tal-Artikolu 9 maqbul bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizjattiva tagħha skont it-Trattat, f'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tixtieq tafferma li, f'konformità mal-Artikolu 9, l-ewwel evalwazzjoni tagħha ta' dan ir-Regolament, li għandha ssir fi żmien sentejn wara d-data li fiha r-Regolament jidħol fis-seħħ, sejra tevalwa bir-reqqa l-mod kif ir-Regolament ikun ġie implimentat u kif ikun ikkontribwixxa għall-funzjonament effikaċi tas-suq intern. Waqt li tagħmel dan, sejra tqis l-aspettattivi dejjem jikbru tal-konsumaturi, speċjalment ta' dawk li m'għandhomx aċċess għal servizzi protetti mid-drittijiet tal-awtur.

Bħala parti mill-evalwazzjoni, sejra twettaq ukoll analiżi sostantiva dwar il-fattibilità u l-kosti u l-benefiċċji potenzjali li jirriżultaw minn kwalunkwe tibdil fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, b'mod partikolari rigward it-tħassir possibbli mill-Artikolu 4(1)(b) tal-esklużjoni ta' servizzi forniti b'mod elettroniku li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun li jipprovdu aċċess għal, jew l-użu ta', xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor fejn in-negozjant għandu d-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti, filwaqt li tikkunsidra debitament l-impatti probabbli ta' kwalunkwe estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament fuq il-konsumaturi u n-negozji, u fuq is-setturi kkonċernati, madwar l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi. Il-Kummissjoni sejra wkoll tanalizza bir-reqqa jekk f'setturi oħra, inklużi dawk li mhumex koperti mid-Direttiva 2006/123/KE u li huma wkoll esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament skont l-Artikolu 1(3) tiegħu, bħalma huma servizzi fil-qasam tat-trasport u servizzi awdjoviżivi, għandhiex tiġi eliminata kwalunkwe restrizzjoni mhux ġustifikata abbażi tan-nazzjonalità, il-post ta' residenza jew il-post ta' stabbiliment.

Jekk il-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tagħha tikkonkludi li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jeħtieġ li jiġi emendat, il-Kummissjoni sejra takkumpanja l-evalwazzjoni bi proposta leġislattiva.

Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu

Sabiex jinħoloq Suq Uniku Diġitali li jiffunzjona b'mod sħiħ, hemm il-ħtieġa li titneħħa l-frammentazzjoni legali attwali. Inkella n-negozji, b'mod partikolari l-SMEs u l-mikrointrapriżi, mhux ser ibiegħu fis-Suq Uniku kollu minħabba inċertezza legali u spejjeż sproporzjonati ta' konformità. Riżultat ta' dan, il-konsumaturi mhux ser ikollhom aċċess għal oġġetti u servizzi li jridu jixtru.

Il-Lussemburgu jibqa' xettiku rigward il-valur miżjud tar-Regolament, li ma jipprevedix għal ċertezza legali u li jikkonferma, pjuttost milli jneħħi, l-ostakli eżistenti. Hu jobbliga lill-kummerċjanti sabiex ibiegħu kullimkien fl-UE mingħajr ma jipprevedu għal kwalunkwe tibdil u kjarifika fir-rigward tad-determinazzjoni tad-dritt applikabbli u l-qorti kompetenti. In-negozji mhux ser ikunu jistgħu jipproteġu lilhom infushom kontra r-riskji legali u ekonomiċi billi jirrestrinġu l-bejgħ tagħhom għas-suq domestiku jew għadd limitat ta' swieq, bħalma jistgħu jagħmlu llum.

Madankollu, il-Lussemburgu japprezza l-isforzi tal-Presidenza Estonjana biex tipprovdi aktar ċarezza, b'mod partikolari permezz ta' dispożizzjonijiet ġodda fil-klawsola ta' rieżami tar-Regolament. Sentejn wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, il-Kummissjoni ser ikollha tivvaluta l-kostijiet addizzjonali li qed iħabbtu wiċċhom magħhom in-negozji meta jbiegħu b'mod transfruntier u li huma dovuti għall-frammentazzjoni legali, inkluż fir-rigward tar-regoli eżistenti dwar liġi applikabbli.

Il-klawsola ta' rieżami tistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tikkunsidra modi kif jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-konsumaturi għal servizzi elettroniċi protetti mid-dritt tal-awtur - li l-"imblukkar ġeografiku" tagħhom illum huwa kwistjoni kbira għall-konsumaturi.

Għaldaqstant, il-Lussemburgu jista' jappoġġa t-test ta' kompromess li jirriżulta mit-trilogi mal-Parlament Ewropew. Il-Lussemburgu jittama li r-rieżami tar-Regolament ser jipprovdi għal riżultati ambizzjużi u konkreti kemm jista' jkun malajr.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Fil-fehma tal-Gvern Federali Ġermaniż, huwa ċar li kwalunkwe rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni għandu jkun akkumpanjat dejjem minn valutazzjoni komprensiva tal-impatt - partikolarment minħabba li l-Kummissjoni Ewropea, fid-dikjarazzjoni tagħha, taqbel ma' rieżami fir-rigward tas-servizzi awdjoviżivi. Aħna nitolbu li d-dikjarazzjoni segwenti tiddaħħal f'dawn il-minuti relatati mal-Artikolu 9, "Klawżola ta' reviżjoni":

"Kwalunkwe reviżjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 9 trid tkun preċeduta minn studju tal-impatt dettaljat mill-Kummissjoni Ewropea."

Dikjarazzjoni minn Franza

L-awtoritajiet Franċiżi jappoġġaw id-dikjarazzjoni mill-awtoritajiet Ġermaniżi dwar ir-Regolament li jindirizza l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-klijenti fi ħdan is-suq intern u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE.

Għall-awtoritajiet Franċiżi, huwa essenzjali li kwalunkwe proposta sabiex jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tiġi mirfuda minn studju dettaljat tal-impatt.

Direttiva dwar ir-reviżjoni tal-ETS

Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3-27

63/17

Maġġoranza
kwalifikata

L-Istati Membri kollha
favur, minbarra:
Astensjoni: HR, HU, PL

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni

Fattur Lineari ta' Tnaqqis (LRF)

L-EU ETS hija l-istrument ewlieni tal-UE biex tilħaq il-mira tagħha dwar il-klima li tillimita ż-żieda fit-temperatura medja globali għal ferm inqas minn 2 gradi Celsius 'il fuq mil-livell preindustrijali kif miġfieh ukoll fil-kuntest tal-Ftehim ta' Pariġi. Bi qbil ma' dan l-oġġettiv u mal-qafas ta' politika 2030 dwar il-klima u l-enerġija tal-UE, ir-reviżjoni tal-EU ETS u ż-żieda tal-fattur lineari ta' tnaqqis minn 1.74% għal 2.2% huma l-ewwel passi biex tkun issodisfata l-mira tal-UE ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'tal-inqas 40% fil-livell domestiku sal-2030. Il-Kummissjoni tagħraf li huma meħtieġa aktar sforzi u aktar ambizzjoni biex jintlaħaq l-oġġettiv ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE sal-2050 f'konformità mal-ilħuq tal-miri fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi kif ukoll il-Valutazzjoni tal-Impatt tagħha li takkumpanja l-qafas dwar il-klima u l-enerġija tal-2030 li tindika li biex ma jinqabiżx dan il-limitu massimu hemm hteġa ta' żieda ulterjuri tal-fattur lineari ta' tnaqqis sal-2050. Bħala parti minn kwalunkwe rieżami futur ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni timpenja lilha nnifisha li tikkunsidra żieda fil-fattur lineari ta' tnaqqis fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali li jitolbu rigorożità akbar tal-politiki u l-miżuri tal-Unjoni.

L-emissjonijiet marittimi

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-proposta tal-Parlament Ewropew. F'April 2018, l-IMO hija mistennija tiddeċiedi dwar l-istrateġija inizjali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bastimenti. Il-Kummissjoni ser tivvaluta malajr u tirraporta debitament dwar dan l-eżitu, b'mod partikolari dwar l-oġettivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-lista tal-miżuri possibbli biex jinkisbu, inkluż l-iskeda ta' żmien għall-adozzjoni ta' miżuri bħal dawn. Meta tagħmel dan, hija ser tikkunsidra liema passi xierqa jmiss biex tiżgura kontribuzzjoni ġusta tas-settur, inkluż it-triq 'il quddiem kif proposta mill-Parlament. Fil-kuntest ta' miżuri legiſlattivi ġodda dwar l-emissjonijiet marittimi ta' gassijiet serra, il-Kummissjoni ser tikkunsidra kif xieraq l-emendi f'dan ir-rigward adottati mill-Parlament Ewropew.

Transizzjoni ġusta f'reġjuni b'użu intensiv ta' faħam u karbonju

Il-Kummissjoni ttenni l-impenn li tiżviluppa inizjattiva dedikata li ser ttiprovdi appoġġ imfassal apposta għat-transizzjoni ġusta f'reġjuni b'użu intensiv ta' faħam u karbonju fl-Istati Membri kkonċernati.

Għal dan il-għan, hija ser taħdem fi sħubija mal-partijiet ikkonċernati ta' dawn ir-reġjuni biex ttiprovdi gwida, b'mod partikolari għall-aċċess għal u l-użu ta' fondi u programmi rilevanti, u thegħgeġ l-iskambju ta' Prattiki tajbin, inklużi diskussjonijiet dwar pjanijiet direzzjonali industrijali u titjib mill-ġdid tal-ħiliet.

CCU

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-proposta tal-Parlament Ewropew li teżenta emissjonijiet verifikati bħala maqbuda u użati biex tkun żgurata rabta permanenti minn obbligi ta' restituzzjoni skont l-EU ETS. Dawn it-teknoloġiji mhumiex maturi biżżejjed għal deċiżjoni dwar it-trattament regolatorju futur tagħhom. Fid-dawl ta' dan il-potenzjal teknoloġiku ta' Qbid u Użu tal-Karbonju tas-CO₂ (CCU), il-Kummissjoni timpenja lilha nnifisha li tikkunsidra t-trattament regolatorju tagħhom matul il-perjodu ta' negozjar li jmiss, bil-ħsieb li tqis jekk huwiex xieraq li jsir xi tibdil għat-trattament regolatorju saż-żmien ta' kwalunkwe rieżami futur tad-Direttiva. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ser tagħti kunsiderazzjoni xierqa lill-potenzjal ta' tali teknoloġiji li jikkontribwixxu għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet filwaqt li ma tikkompromettix l-integrità ambjentali tal-EU ETS.

Dikjarazzjoni mis-Slovenja u l-Portugall

Is-Slovenja u l-Portugall jappoġġaw ir-riforma tal-iskema tal-UE għan-negozjar ta' kwoti tal-emissjonijiet (EU ETS) u jirrikonoxxu li l-qbil dwar il-leġislazzjoni tal-Fażi 4 (2021–2030) isaħħaħ il-funzjonament tal-EU ETS b'mod sinifikanti.

L-aktar aġġustamenti importanti fl-EU ETS, li huma meħtieġa għat-twettiq tal-mira tal-UE li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jitnaqqsu b'40% sal-2030, kif maqbul skont il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, huma ż-żieda tal-Fattur Lineari ta' Tnaqqis, kif ukoll aġġustamenti għar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq u d-distribuzzjoni tal-allokazzjoni mingħajr hla. Is-Slovenja u l-Portugall jilqgħu wkoll il-qbil li d-dispożizzjonijiet tad-direttiva ETS ġdida ser jinżammu taħt eżami regolari, inkluż ir-regoli dwar ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u l-LRF, u li l-Kummissjoni ser tivvaluta l-ħtieġa għal politiki u miżuri addizzjonali fil-kuntest ta' kull bilanċ li jsir skont il-Ftehim ta' Pariġi.

Minkejja l-elementi pożittivi msemmin ta' riforma tal-EU ETS, il-qbil milħuq fit-trilogu jeċċedi l-qbil dwar il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 f'elementi marbuta mal-Fond għall-Modernizzazzjoni (FM). Is-Slovenja u l-Portugall jemmnu li ż-żieda kondizzjonali tal-FM aktar mit-2% tal-limitu totali kif maqbul mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2014 mhix ġustifikata bħala element ta' solidarjetà, peress li l-FM huwa ta' benefiċċju għal dawk l-Istati Membri biss bi PDG ta' inqas minn 60% tal-medja tal-UE. Peress li elementi oħra tal-EU ETS huma wkoll ta' benefiċċju esklużivament għal dawn l-istess Stati Membri, iż-żieda kondizzjonali maqbula ttelef il-bilanċ tal-qbil tal-Kunsill Ewropew.

Meta jiġi kkunsidrat li l-livell limitu msemmi huwa arbitrarju u jeskludi Stati Membri oħra inqas żviluppati bħas-Slovenja u l-Portugall, bi PDG per capita li huwa sew taħt il-medja tal-UE, li għandhom diffikultajiet ukoll fit-trasformazzjoni tas-settur tal-enerġija, nisperaw li din iż-żieda mhux ser issir, iżda wkoll li kwalunkwe riforma fil-futur tal-EU ETS ser terġa' ġġib il-bilanċ maqbul inizjalment fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' solidarjetà inklużi fl-EU ETS.

Barra minn dan, fil-kompromess finali, iż-żieda kondizzjonali tal-FM kellha wkoll tindirizza t-tħassib tal-Parlament Ewropew rigward transizzjoni ġusta lejn soċjetajiet b'livell baxx ta' karbonju. Nixtiequ nisħqu li tali transizzjoni ser tkun ta' sfida għall-UE kollha. Għalhekk, l-eżamijiet futuri tal-leġislazzjoni għandhom jindirizzaw transizzjoni ġusta f'ambitu usa' u mhux biss fil-kuntest tal-Istati Membri tal-UE l-inqas żviluppati.

Dikjarazzjoni mill-Kroazja

Ir-Repubblika tal-Kroazja tappoġġa l-miri u l-oġġettivi tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex ittejjeb it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u investimenti b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, billi nqisu l-proposta bħala waħda ta' importanza kruċjali għall-politika tal-UE dwar it-tibdil fil-klima u għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Ftehim ta' Pariġi.

Madankollu, ir-Repubblika tal-Kroazja tqis li t-test attwali tad-Direttiva 2003/87/KE u l-proposta attwali dwar emendi għad-Direttiva 2003/87/KE ipoġġu lill-Kroazja f'pożizzjoni ta' żvantaġġ fir-rigward tal-ammont totali ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati mill-Istati Membri, u għaldaqstant intalbu t-tibdiliet xierqa matul in-negozjati.

Ir-Repubblika tal-Kroazja xorta tqis bħala neċessarja l-emenda għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE, ladarba l-proposta attwali ma tkoprix il-kalkolu tas-sehem Kroat tad-drittijiet ta' rkant. Id-dispożizzjoni inkwistjoni tistipula minn liema sena għandhom jintużaw l-emissjonijiet verifikati għall-Istati Membri li ma pparteċipawx fl-iskema Komunitarja fl-2005. F'dan ir-rigward, fil-Kunsill Ambjent tat-28 ta' Frar 2017, ir-Repubblika tal-Kroazja ressqet proposta biex tħassar il-formulazzjoni "taħt l-iskema Komunitarja" mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE.

Infakkru li fl-2013, il-Kummissjoni Ewropea kkalkulat id-drittijiet ta' rkant tar-Repubblika tal-Kroazja mingħajr ma kkunsidrat il-parametri kollha maqbula matul in-negozjati dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea. Sabiex tikkalkula d-drittijiet ta' rkant tar-Repubblika tal-Kroazja, il-Kummissjoni Ewropea użat l-ammont totali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tar-Repubblika tal-Kroazja taħt is-sistema ta' negozjar, kif stabbiliti għall-inklużjoni fl-ammont totali ta' emissjonijiet tal-UE, minflok l-emissjonijiet verifikati għall-2007, kif kien ġie maqbul matul in-negozjati. Għandu jiġi enfasizzat li l-ammont totali għar-Repubblika tal-Kroazja huwa aktar baxx, u dan jirriżulta f'inqas drittijiet ta' rkant għar-Repubblika tal-Kroazja. Barra minn hekk, filwaqt li l-ammont totali huwa inqas għall-Istati Membri l-oħra kollha, id-drittijiet ta' rkant tal-Istati Membri l-oħra kollha ġew ikkalkulati abbażi tal-emissjonijiet verifikati jew għall-2005 jew l-2007, jew il-medja 2005-2007, skont liema kienet l-aktar favorevoli għalihom.

Għalhekk ipproponejna l-emenda msemmija hawn fuq sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet potenzjalment differenti fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE għar-Repubblika tal-Kroazja u, għaldaqstant, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti u uniformi tal-punt (a) tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva fl-Istati Membri kollha, inkluż ir-Repubblika tal-Kroazja. Billi l-emenda msemmija hawn fuq ma kinitx inkluża fit-test ta' compromess finali, ir-Repubblika tal-Kroazja ser tastjeni fir-rigward tal-adozzjoni ta' din il-proposta leġiżlattiva.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2017 007 SE/Ericsson)</i> Deċiżjoni (UE) 2018/514 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara l-applikazzjoni mill-Iżvezja - EGF/2016/007 SE/Ericsson ĠU L 84, 28.3.2018, p. 18-19	5784/18
<i>Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2017 006 ES/Galicia apparel)</i> Deċiżjoni (UE) 2018/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni minn Spanja — EGF/2017/006 ES/Galicia apparel ĠU L 84, 28.3.2018, p. 20-21	5783/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE rigward l-adozzjoni tal-linji gwida tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u l-Ażerbajġan dwar il-ftehim għall-faċilitazzjoni tal-Viża (VFA)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/311 tas-27 ta' Frar 2018 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi, fir-rigward tal-adozzjoni tal-linji gwida komuni għall-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim ĠU L 60, 2.3.2018, p. 23-38	5659/18
<i>Deċiżjoni dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat tar-Revijżjoni tal-OTIF (Bern, 27 ta' Frar - 1 ta' Marzu 2018)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/319 tas-27 ta' Frar 2018 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fis-26 sessjoni tal-Kumitat tar-Revijżjoni tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) rigward ċerti emendi fil-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) u fl-Appendiċijiet tagħha ĠU L 62, 5.3.2018, p. 10-17	6046/18